**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, POALA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 8 / 2011

Data u hin

Il-Laqgha Nru 8/2011 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret nhar it-Tlieta, 25 ta' Jannar 2011 fis-6pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joe Attard | V/President, , Sindku Zejtun |
| Is-Sur Joe Spiteri | V/Sindku il-Belt Valletta |
| Is-Sur Justin John Camilleri | V/Sindku Isla |
| Is-Sur Is-Sur Joseph Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Furjana |
| Is-Sur Michael Cohen | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku Marsaskala |
| Is-Sur Dominic Borg | Sindku Paola |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |
| **Chev.Paul Farrugia | President, (Sindku Tarxien) li kien prezenti lejn l-ahhar tal-Laqgha. |

**Skuzati :**

Sindku Zabbar
Sindku Marsaxlokk
Sindku Xghajra

**Assenti :**

Sindku Birgu

Il-Vici President, is-Sur Joseph Attard qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

8.1 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru.7/2010 mizmuma fit-16 ta' Dicembru, 2010 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-Vici President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kumitat jekk kienux korretti.

8.1.1. Is-Sindku tal-Furjana, hawnhekk ressaq mozzjoni sabiex issir korrezzjoni fis-sens illi kien miftiehem hazin dwar li ghandu ufficcju x'joffri ghall-uzu tar-Regjun (7.2.4.) u li kellha ssir korrezjoni f' dan is-sens. Din il-mozzjoni gie issekondata mis-Sindku ta' Bormla.

Mozzjoni Korrezzjoni tal-Minuti

Il- Kumitat approva l-Minuti li ġew iffirmati mill-Vici President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.2 **Punti Mqajjma**

8.2.1 **Belt Kapitali Ewropeja tal-Kultura 2018** Belt Kapitali Ewropeja tal-Kultura 2018

Il-Vici President tkellem dwar il-Belt Kapitali Ewropeja tal-Kultura 2018 u staqsa jekk kienx hemm xi suggerimenti dwar dan, izda fuq kollox irid jitqies fil-perspettiva tac-cokon taghna u li tinkludi l-belt kapitali fl-istess hin.

Is-Sindku tal-Kalkara qal li kien importanti li kull kunsill jiffirma ghal dan il-kommitment sabiex ikun jista jigi mwettaq dan il-programm ta' hidma. Konferenza stampa ser issir ghada u ghalhekk wiehed ghandu jistenna biex wiehed jara x' ser isir dwar l-applikazzjoni ta' Malta.

8.2.2 **Ufficcju Amministrattiv tar-Regjun** Ufficcju Regjonali

Rigward l-Ufficcju Amministrattiv tar-Regjun, il-Vici President semma li d-Dipartiment wasal fit-thejija tal-kuntratt rigward l-ufficcju offrut fiz-Zejtun biswit it-Tribunal Lokali.

Is-Sindku tal-Kalkara semma li kienu gew imsemmija zewg fondi, wiehed iz-Zejtun u l-iehor Hal-Tarxien.

Is-Sindku tal-Furjana qal li kien mifhum hazin fil-laqgha ta' qabel u li m'ghandux post il-Furjana x' joffri bhala ufficcju regjonali.

8.2.3 **Hlas lill-A/Segretarju Ezekuttiv** Hlas lill-A/Segretarju Ezekuttiv

Dwar il-hlas dovut lill-A/Segretarju Ezekutiv, is-Sur Maurice Mallia, is-Sindku tal-Kalkara ressaq proposta li ghanda ssir risposta a bazi tat-talba tieghu.

Il-Vici President semma li l-President kien ikkalkula li s-Sur Mallia kien ta 40 siegha xoghol ghar-Regjun.

Is-Segretarju Ezekuttiv semmiet li s-somma dovuta tammonta ghal tlett mija u sitta w ghoxrin Euro u erbghin centezmu (€320.40) u nhadmet wara li korrispondenza li kellha mas-Sur James Catania, A/Diretttur (Human Resource) fejn spjega li l-hlas kellu jsir a bazi ta' Artiklu 7 tar Regolamenti Dwar Kunsilli Lokali (Rizorsi Umani) Avviz Legali 127 tal-1998. Din il-proposta giet issekondata mis-Sindku ta' M' Skala.

8.2.4 **Servizz ta' Accountant** Servizz ta' Accountant

Dwar il-hrug ta' tender ghal servizz ta' Accountant, Is-Segretarja Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li qed isir konsultazzjoni bejn is-Segretarji Esekuttivi Regjonali biex il-hrug ta' tenders ghall- servizz ta' Accountant ikun konformi fir-Regjuni kollha.

8.2.5 **Photovoltaic Units** Photovoltaic Units

Sindku tal-Furjana semma li kull kunsill kellu jidentifika area fil-lokalita tieghu fejn jistghu jigu stallati dawn il-units.

Is-Sindku tal-Kalkara qal li ghal issa r-rwol tar-Regjuni ghad irid jigi definit u f' dan l-istadu din il-proposta ghada vaga. Ir-Regjun ghad irid johloq koperazzjoni mal-Kunsilli, izda forsi ghadu mhux il-hin opportun u hija bazi ta' diskussjoni meta jkun hemm aktar fondi u ssir b' ghajnuna ta' esperti f' dan il-qasam.

8.2.6 **Servizz ta' Trasport bil-Lanca fil-Port il-Kbir** Servizz ta' Trasport bil-Lanca fil-Port il-Kbir

Il-Vici President qal li ghandha tittiehed azzjoni dwar servizz ta' trasport lanec fil-Port il-Kbir.

Is-Sindku tal-Kalkara reggha tenna li r-rwol tar-Regjuni ghad irid jigi definit, pero dawn il-proposti ghandhom ghalissa jitpoggew on hold. Ghandhom jinhadmu b'mod professjonali wara li jkunu thejjew rapporti, kif suppost isiru progetti bhal dawn, kif ukoll jingiebu l-fondi, b' koperazzjoni mal-Kunsilli Lokali.
l-Agent Sindku tal-Fgura ssugerixxa li jitwaqqaf sottokumitat li jressaq il-proposta u jsiru *feasability studies*.
Il-Vici President qal li dawn ghandhom isiru a spejjez ta' min ser jaghmel qliegh minnhom. Il-proposta tajjeb li titlaq mir-Regjun u staqsa jekk is-Sindki tal-Kottonera humiex interessati f' din il-proposta.
Is-Sindku ta' Bormla wiegeb li xi kunsilli diga' gew avvicinati u gia hemm xi rapporti izda dawn mhux finalizzati.

## 8.3 <u>Affarijiet Finanzjarji</u>

**Petty Cash**

8.3.1 Dawk prezenti awtorizzaw li s-Segretarju ezekuttiv jkolla petty cash a bazi ta' e-mail mibghut mis-Sur Silvio Frendo fit-12 ta' Jannar 2011, ie li l-petty cash ghar-Regjuni jinghalaq kull tlett xhur peress li ghadu mhux daqshekk frekwenti u dan sakemm tinghata direttiva ohra.

Petty Cash

8.3.2 **Xiri ta' Laptop ghall-uzu tas-Segretarju Ezekuttiv**

Laptop ghas-Segretarju Ezekuttiv

Peress li sal-lum is-Segretarju Ezekuttiv ghad m' ghandiex PC, kien gie deciz li jintxara laptop. Ghalhekk gew prezentati 3 *quotations*, minghand Scan PC Options Ltd ghal-prezz ta' €892.50, minghand Intercomp ghal-prezz ta' €1060 u minghand Compunet ghal-prezz ta' €980.
Dawk prezenti, innotaw li allavolja dak offrut minn Intercomp kien l-ghola, kienet din il-kumpanija biss li offriet garanzija fuq parts ghal 4 snin. Ghalhekk, tresqet mozzjoni mis-Sindku ta' Marsaskala u li giet ssekondata mill-Vici Sindku tal-Fgura, li jinxtara l-laptop offrut mill-Intercomp. Din giet approvata.
Barra minn hekk is-Sindku tal-Kalkara ressaq mozzjoni li l-laptop jizdied mal-assi tar-Regjun taht ir-responsabilta' diretta tas-Segretarju Ezekuttiv li tkun tista tiehu l-laptop barra mill-Ufficju tar-Regjun, skond Memo 120/2010. Din il-mozzjoni giet ssekondata mill-Vici Sindku tal-Fgura.

8.3.3 **Health Insurance Policy ghas-Segretarju Ezekuttiv**

Health Insurance Policy ghas-Segretarju Ezekuttiv

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li kienet hallset €20 lis-Segretarju Ezekuttiv tal-AKL sabiex tinfetah Health Insurance Policy favur taghha, kif fil-fatt isir lil kull Segretarju Ezekuttiv, u dan ghal perijodu li beda jghaddi mill-1 ta' Jannar 2011 sa l-ahhar t'April 2011.

8.3.4 **Performance Bonus Appraisal favur is-Segretarju Ezekuttiv**

Performance Bonus Appraisal favur is-Segretarju Ezekuttiv

Il-President ressaq Performance Bonus Appraisal ghas-sena 2010 (pro rata) favur is-Segretarju Ezekuttiv. F' dan il-hin, is-Segretarju Ezekuttiv harget mill-laqgha. Fuq proposta ta' dawk prezenti, u ssekondata mis-Sindku ta' Paola, dan gie addotat unanimament.

8.3.5 **Financial Statements – Memo 150/2010**

Memo 150/2010

Is-Segretarju Ezekuttiv irreferit ghal-Memo 150/2010 – Gheluq tas-Sena Finanzjarja, u nfurmat lil dawk prezenti li kkorispondiet permezz ta' e-mail mas-Sur Silvio Frendo fit-18 ta' Jannar 2011 u reminder mibghuta fil-21 ta' Jannar 2011, jekk ir-Regjun ghandux jissottometti ir-rekwiziti

msemmija f' din il-Memo. Sal-lum ghada ma rceviet l-ebda riposta.
Is-Sindku tal-Kalkara semma li peress li f' dan l-istadju bikri r-Regjun m' ghandux fondi biex ihallas ghal servizz ta' Accountant, ir-Regjun ghandu jaghmel talba lid-Dipartiment sabiex ihallas ghal dan is-servizz.

## 8.4 <u>Affarijiet Ohra</u>

8.4.1. **LN 2.2011 Delega ta' Infurzar Lokali.**

LN 2.2011 Delega ta' Nfurzar Lokali

Wara li kienet intbaghtet e-mail lis-Sindki kollha tar-Regjun fid-9 ta' Jannar 2011 dwar LN 2.2011 dwar Delega ta' Infurzar Lokali, is-Sindku tal-Kalkara tkellem fuq dan l-avviz fejn ir-Regjuni inghataw delega u li b' hekk inbeda process gdid ghall-kontravenzzjnijiet.
Bhala President, AKL, spjega fid-dettal is-sistema l-gdida kif ukoll dwar l-implikazzjonijiet tal-kuntratti li ghad hemm pendenti ma' xi Kunsilli.
Is-Sindku tal-Furjana staqsa jekk id-delega hiex ser tispicca minn fuq il-Kunsilli.
Is-Sindku tal-Kalkara qal li kull Kunsill ikollu dritt jigbor il-flus minn kontravenzjonijiet li hemm pendenti.
Il-Vici President tenna l-hlas ta' dawn il-kontravenzjonijiet ghandhom jibqghu l-introjtu tal-Kunsilli.
Is-Sindku tal-Furjana staqsa jekk jigux estizi l-kuntratti li ghadhom *in vigore,* kemm-il darba jiskadu sakemm jigi awarded it-Tender Regjonali ppubblikat fit-30 ta' Novembru 2010.
Il-Vici President ghamel referenza ghal-e-mail mibghuta mis-Sur Maurice Caruana fit-8 ta'Jannar 2011 u staqsa jekk mat-twaqqif tad-delega favur ir-Regjuni kienx ser ikun hemm allokazzjoni ghall-amministrazzjoni .
Is-Sindku tal-Kalkara qal li t-twaqqif tar-Regjuni u -delega li ghaddilhom il-Gvern hija tejorija ta' governanza.
Il-Vici President qal li mid-dhul tas-sistema ta' l-LES, il-kunsilli ghandhom ikollhom revenue sharing.

8.4.2 **Il-Ftugh tat-Tender tal-LES**

Ftugh tat-Tender RX 1/10

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat il-process li sar s' issa rigward il-ftugh tat-Tender tal-LES ( RX 1/10).
Spjegat li ftit wara fil-jum u l-hin li ghalaq it-Tender, infehet il-kaxxa fil-prezenza tal-President tar-Regjun u tas-Sindku ta' Marsaskala. Intefghu 3 (tlett) offerti, The Guard and Warden Service House Ltd, Aurelia Enforcement Ltd u Sterling Security Co. Ltd. S' issa saru tlett rapporti u infethu 2 envelopes.
L-ewwel rapport jirrigwarda l-ismijiet ta' minn tefa' l-offerta.
It-tieni rapport sar mal-ftugh ta' Envelope 1 li kienu jikkontjenu l-Bid Bond.
It-Tielet rapport sar mal-ftugh ta' Envelope 2 li kienu jikkontjenu dettalji teknici u amministrattivi.
L-Adjudicating Committee, kompost mill-President u l-Vici President Regjonali, is-Sur George Cremona (mahtur minflok is-Sur Edgar Gatt), Is-Sur John Bonavia u mis-Sinj M'Lourdes Lautier, ser ikollhom l-ewwel laqgha il-Hamis 27 ta' Jannar 2010 biex jahdmu fuq Envelope 2.
Il-Vici President elabora fuq id-dokument tat-Tender RX 1/10 partikolarment fuq Artiklu 12 (pagna 9 tat-tender) ie *'provided that the Tender has been submitted in accordance with the Requirements of the Tender Documents. Quality Standards, experience and track record (MINIMUM 5 YEARS), work plan proposed, company set up and conditions of work of employees, organisational*

*capabalities and professionalism WILL BE TAKEN VERY MUCH INTO CONSIDERATION AND WILL BE THE BASIS OF THE AWARD'*

Is-Sindku tal-Kalkara ressaq mozzjoni sabiex l-Adjudicating Committee tar-Regjun XLokk ikompli l-process tal-ghazla, qabel xejn, dan ghandu jkollu direzzjoni/direttiva cara BIL-MIKTUB dwar l-Artikolu fuq imsemmi PARTIKOLARMENT DWAR TRACK RECORD TA' MINIMU TA' 5 SNIN. Ghandha tintbaghat e-mail f' dan is-sens lis-Sur Maurice Caruana bhala Chairman tal-LES Steering Committee kif ukoll lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll lis-Sur Robert Grixti (rapprezentant tad-Dipartiment tal-Kuntratti). B'hekk l-Adjudicating Committee Regjonali ikollu direzzjoni fuqiex jiddeciedi meta wiehed iqis li xi Tenderers m' ghandhomx u mhux ser ikollhom qatt 5 snin esperjenza jekk jitwaqqfilhom il-kuntratt. Mozzjoni LES Tender

Din il-mozzjoni giet issekondata mil-Vici Sindku tal-Fgura.

Is-Sindku tal-Marsa staqsa x'ser isir mill-kuntratti li ser ikunu ghadhom *in vigore.*

Is-Sindku tal-Kalkara qal li ser issir delega ohra, fejn jitwaqqfu l-kuntratti, permezz ta' Avviz Legali, wara li jigi aggudikat it-Tender.

8.4.3 **LOGO ghar-Regjun Xlokk** Logo Regjonali

Dawk prezenti hatru sotto-kumitat li ser jiehu hsieb it-thejjija ghal-kompetizzjoni biex jiholoq logo ghar-REGJUN; inhatar Is-Sur Degiovanni bhala chairman, waqt li s-Sur Nigel Holland u s-Sur Dominic Grima inhatru bhlala membri.

8.4.4 **E-Mails** E-Mails

Fl-ahhar ta' din il-laqgha dahal il-President li semma kif certu *e-mails* (LES/Tender RX 1/10) qed jigu *e-mailed* lis-Sindku tal-Belt Valletta u staqsa ghaliex dawn mhux qed jigu mibghuta lis-Sindki l-ohra.

8.5 **<u>Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament</u>**

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.15pm.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta, 22 ta' Frar, 2011 fis-6.00pm fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| ____________________ | ____________________ |
|---|---|
| **Chev Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **M' Lourdes Lautier** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum ________________ (Jum), _______ (Data) ta'___________________ (Xahar) 2010.